Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2548/2002

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance Plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Borg u l-istess Victor Borg u b'nota tal-14 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti minflok Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Raymond Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm315.40c (tlett mija u hmistax-il lira Maltin u erbghin

centezmu) rapprezentanti danni fl-incident tat-traffiku msemmi fl-istess Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn  gie dikjarat li l-istess konvenut ma kellux tort ghall-incident izda l-istess incident sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Henry Schembri (li kien qed isuq il-vettura proprjeta' ta' l-attur CAP 602) ighid li kien f'Tower Road, Sliema sejjer lejn Bisazza Street meta ra Land Rover tal-konvenut EAE 161 quddiemu jsuq bil-mod bla indicators mixghula.  Prova jaqbzu izda l-Land Rover daret fuq ix-xellug u habtet fuq il-lemin tal-vettura tieghu.

Fl-istess *Road Accident Report* il-konvenut ighid li kien f'Tower Road, Sliema fejn indika li kien sejjer fuq ix-xellug lejn il-pjazzetta.  Jghid li meta kien wieqaf lest biex idur fuq ix-xellug, il-vettura CAP 602 qabzitu u dahlet fil-vettura tieghu.

Ra s-seduta tad-19 ta' Mejju, 2003 li fiha xehed l-ex Surgent 497 Alfred Fabri fejn jikkonferma li nizzel li qalulu l-partijiet.

Ra s-seduta tas-27 t'Ottubru, 2003 li fiha xehed Henry Schembri fejn ighid li kien f'Tower Road sejjer fid-direzzjoni ta' Bisazza Street u kien hemm Land Rover wieqfa fuq ix-xellug tieghu.  Schembri jghid illi xeghel l-indicator biex jaghmel manuvra ta' surpass u daqq il-horn izda f'daqqa wahda il-Land Rover ghamel U-turn u dahal fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug.  Ighid ukoll li l-Land Rover kienet fuq in-naha tax-xellug 'il gewwa u mhux fic-centru tat-triq.  Schembri jaqbel ma' l-iskizz u jghid li d-daqqa kienet fuq il-bieba ta' wara u mhux fuq il-bieba ta' quddiem avolja xorta kellu hsara fuq ta' quddiem.

Fil-kontro-ezami jghid li kien diga ra l-Land Rover wieqfa minn kif telaq mill-Preluna u l-Land Rover ma kienetx

ezatt mal-bankina izda kien f’pozizzjoni li jaqilghu. Jghid ukoll li gie b’konkluzjoni li l-konvenut kien ser jaghmel U-turn ghaliex jaf li Ghar il-Lembi Street hija *one-way.*

Ra s-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2004 li fiha xehed il-Maggur Joseph Mula prodott mis-socjeta’ attrici fejn jikkonferma li s-socjeta’ attrici wara *survey* hallset lill-assigurat.

Fl-istess seduta xehed Raymond Spiteri fejn ighid li kien f’Tower Road gej min-naha tal-Preluna sejjer fid-direzzjoni ta’ Bisazza Street u jikkonferma li xeghel l-indicator biex jidhol fil-*car park* tal-pjazzetta izda gara l-incident. Jikkonferma li xeghel l-indicator tal-lemin u kien qieghed jistenna biex idur u appena kien ser jikser l-isteering biex jidhol fil-pjazzetta giet il-vettura min-naha tad-driver u pprova jaqbzu. Jghid li Schembri laqat il-bieba ta’ wara tan-naha tax-xellug. Ighid ukoll li kellu hsara fuq il-bumper ta’ quddiem fin-naha tad-driver. Jikkonferma dak li qal fir-*Road Accident Report*.

Ra n-Nota ta’ Osservazzjonijiet ta’ l-atturi fejn jesponu illi fix-xhieda ta’ Henry Schembri qal li ra quddiemu d-driver tal-Land Rover li ma kellux indicator mixghula u ghalhekk Schembri pproceda biex jaqbzu izda l-Land Rover daret f’daqqa lejn il-lemin taghha u baqghet diehla gewwa l-bieba ta’ wara tal-karozza.
Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta li l-habta grat b’dan il-mod imma jallega li huwa xeghel l-indicator qabel ma dar.

Illi qabel ma dar lejn il-lemin tieghu, l-konvenut kellu zewg obbligi:

- Li jaghmel l-indicator biex juri l-intenzjoni, u

- Li jhares gol-mera tal-vettura tieghu biex jassigura li ma kien hemm l-ebda vettura ohra qieghda taqbzu qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu.

Illi l-provi juru li l-karozza CAP 602 garrbet hsarat fil-bieba ta’ wara. Din ic-cirkostanza tikkonferma meta l-konvenut

beda l-manuvra tieghu, l-vettura CAP 602 kienet kwazi qabzitu ghalhekk il-konvenut ma kienx hares fil-mera.

Illi fin-Nota Responsiva, l-konvenut sostna illi l-indicator kien fil-fatt mixghul, li l-attur kien negligenti meta qala' l-vettura minghajr ma kien cert u meta' qala' vicin triq li taghqad ma' ohra.  L-konvenut qal ukoll li l-attur kellu obbligu li jsuq b'velocita' hekk li tista' twaqqaf mal-ewwel u li minghajr pregudizzju l-kawza trid tigi deciza a bazi ta' terz (1/3) u zewg terzi (2/3) favur is-sewwieq li jkun qed jaghmel il-manuvra ta' surpass.

Illi mill-provi huwa kredibbli l-verzjoni li ta l-attur fis-sens li l-konvenut beda l-manuvra tieghu biex idur u ma kienx wieqaf fil-mument tal-habta.  Dan minhabba l-hsara fil-vetturi, x-xhieda tal-konvenut u l-pozizzjoni tal-vettura tal-konvenut skond kif jirrizulta mill-iskizz.

Ikkunsidra li hemm diversi sentenzi tal-Qorti fejn gie dikjarat li meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street* mhuwiex bizzejjed li jaghmel sinjal, izda irid jara wkoll li dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih.  Huwa jrid jaccerta ruhu li m'hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser.  **(Ara sentenzi PA 15/10/1995 Zammit Vs Debono u Middle Sea Vs Calleja Inf. 1/3/1999).**

Fil-kawzi **Dobler Vs Caruana PA 5/10/1998, Zahra Vs Cassar PA 5/10/1998 u Elmo Vs Spiteri Talbiet Zghar EG 9/12/2003** gie deciz li f'habtiet bhal dik in kwistjoni z-zewg sewwieqa kienu responsabbli ghall-incident fil-grad ta' zewg terzi (2/3) ghall-persuna li qieghda ddur u terz (1/3) ghall-persuna li qieghda taghmel il-manuvra ta' surpass.

Illi f'din il-kawza jirrizulta li z-zewg sewwieqa kienu responsabbli, l-konvenut ghaliex naqas li jhares qabel ma beda l-manuvra tieghu biex idur fuq il-lemin u l-attur billi ghamel manuvra ta' surpass f'dak il-post.  Ghalhekk, it-Tribunal jiddikjara li Schembri u l-konvenut kienu t-tnejn responsabbli ghall-incident fil-grad ta' zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghal Schembri.

Illi d-danni ma gewx kontestati u m'hemmx Kontro-Talba.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident fi grad ta' zewg terzi (2/3) u jikkundannah ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm210.27c (mitejn u ghaxar liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. L-ispejjez ghandhom jigu supportati in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut u terz (1/3) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------